*Passatempi tal-Għawdxin (2)*

# *Id-Dilettanti tar-Radio...*
## *Żewġ Miljuni fid-dinja, madwar 50 f'Għawdex, jikkomunikaw bejniethom*



*kitba ta'* GEORGE GAUCI, 9H4H

**Kulħadd issiblu xi radio d-dar biex jisma' l-aħbarijiet jew xi programm favorit tiegħu. Dawn ir-radjijiet ġeneralment ikunu *fm* (frequency modulation) b'antenna teleskopika, *am mw* (amplitude modulation jew medium wave) bla antenna għax ikollhom antenna msejħa *ferrite rod*, qisha lapes b'wire imkebbeb fuqu ġo fihom, jew *sw hf* (short wave jew high frequency) ukoll b'antenna teleskopika li jaqbad iktar mill-bogħod mit-tnejn ta' qabel. Issa beda dieħel ukoll id-*DAB+* radio (digital audio broadcasting) iktar ċar u sofistikat.**

Guglielmo Marconi (1874 1937) iben missier Taljan u omm Irlandiża beda jisperimenta bl-elettriku u bl-i*sparks* minn żgħoritu, u fl-1895 bagħat l-ewwel messaġġi bla wire (wireless) fuq distanza ta' mil u nofs. Fl-1896 mar jgħix l-Ingilterra u waqqaf il-*Marconi Wireless Telegraphy Co.* Kompla jisperimenta u fl-1901 irnexxielu jibgħat messaġġ bla wire minn Cornwall l-Ingilterra għal Newfoundland il-Canada, distanza ta' 2100 mil. Fl-1909 rebaħ il-Premju Nobel għal Fiżika tal-invenzjoni li ħoloq, il-meravilja tar-radio. Marconi barra milli huwa l-inventur tar-radio, inqisuh ukoll bħala l-ewwel *Radio Amateur* (dilettant tar-radio) fid-dinja.



*Guglielmo Marconi, l-inventur tar-radju u l-ewwel Radio Amateur fid-dinja*

**Jeżistu mad-dinja kollha, anke f'pajjiżna, madwar 2,000,000 dilettanti tar-radio, li mhux jisimgħu biss, imma wkoll jisperimentaw, ibagħbsu fir-radjijiet u jikkomunikaw ma' dilettanti tar-*radio* oħra bħalhom**




*Kartolina tal-Club tagħna 9H4GRS (Gozo Radio Society) li nibgħatu wara l-kuntatti. Dettalji tal-kuntatt ikunu miktubin wara.*

**f'pajjiżi oħra. Dawn jissejħu *Radio Amateurs*, jew dilettanti tar-*radio*. Biex issir *Radio Amateur* trid tkun taf il-Matematika, il-Fiżika u l-Elettronika mhux ħażin, tgħaddi minn żewġ eżamijiet, u tħallas liċenzja kull sena.** Id-Dipartiment tat-Telegrafija mingħajr fili, daż-żmien taħt il-*Malta Communications Authority* jieħu ħsieb il-Liċenzja, waqt li l-Għaqda tad-dilettanti tar-Radio Maltin, *Malta Amateur Radio League* tieħu ħsieb l-eżamijiet. L-eżami daż-żmien huwa xi ftit eħfef minn meta għamiltu jien iktar minn 40 sena ilu għax issa sar *multiple choice*. B'dawn iż-żewġ eżamijiet tista' takkwista l-*Licence B*. waqt li bit-tielet eżami fil-*Morse Code*, tkun tista' takkwista l-Liċenzja sħiħa, A.

Bil-Liċenzja B tista' tikkomunika b'diversi modi li mhux bilfors iwasslu ma' kullimkien, waqt li bil-Liċenzja sħiħa A tista' tikkomunika bil-modi kollha saħansitra *Amateur Television*, *satellite*, *moonbounce* eċċ. Peress li l-mod ta' kliem li jintuża huwa *ssb* (*single side band*) li jwassal iktar mill-*fm* u l-*am* pero mhux ċar daqshom, jintuża l-*Phonetic Alphabet* bħal *alpha*, *bravo*, *charlie*, *delta* eċċ. Per eżempju jekk tkun titkellem ma' xi ħadd u trid tgħidlu li toqgħod Gozo, trid tispellihielu hekk: *Golf*, *Oscar*, *Zulu*, *Oscar* għax bl-ssb Gozo, dodo, bobo kważi jinstemgħu l-istess.

**Nofs iż-żewġ miljuni li semmejt fuq jinsabu fl-Istati Uniti u l-Canada u n-nofs l-ieħor fil-kumplament tad-dinja. Madwar 50 minnhom jinsabu f'Għawdex għalkemm xi 20 biss huma attivi.** Kull stazzjon ikollu sigla (*callsign*) li tingħatalu meta jġib il-liċenzja l-ewwel darba. Il-liċenzji tal-pajjiżi tieħu ħsiebhom l-ITU (*International Telegraphy Union*) bażata f'Ġinevra, l-Isvizzera. Dawk tal-Ingilterra kollha jibdew bl-ittra G, ta' Franza bl-F, u tal-Italja bl-I. Malta kolonja kellha s-sigla ZB1 mbagħad fl-1964 fl-Indipendenza ħadna l-prefiss 9H1.

Meta f'Għawdex waqqafna l-*Gozo Amateur Radio Society*, tlabna li jingħatalna prefiss speċjali 9H4 u dan ġie konċess lilna. Jien l-ewwel kelli s-sigla 9H1DH u llum 9H4H. Il-mara tiegħi Lina għandha s-sigla 9H4T. Kull *Radio Amateur* irid iżomm *logbook* (reġistru) li jniżżel fih id-data u l-ħin ta' kull darba li jixgħel l-istazzjon, kull kuntatt li jagħmel, ma' min, il-frekwenza użata, u xi informazzjoni oħra. Ġeneralment inniżżlu wkoll meta bagħtna / irċevejna QSL Card. Din tkun kartolina personalizzata tal-istazzjon tagħna li tintbagħat lill-istazzjon barrani wara kull kuntatt biex tikkonferma

li l-kuntatt veru sar. Biex niffrankaw ftit mill-ispejjeż tal-posta dawn ġeneralment nibgħatuhom permezz tal-"bureau" jiġifieri nagħmluhom pakkett u l-għaqda tagħna l-GARS tibgħathom lill-għaqda ta' Malta l-MARL u dawn jibgħatuhom pakketti lill-għaqdiet tal-pajjiżi differenti. Dawn biex jaslu u jitqassmu lill-membri tal-Clubs barranin sintendi jieħdu xi ftit żmien mhux ħażin, pero jiġu orħos milli kieku tibgħathom waħda waħda bil-posta.

**L-Għaqda tagħna l-*Gozo Amateur Radio Society* twaqqfet fl-1971 bl-inizjattiva tas-Sur Anton Farrugia tat-Telgħa tal-Kastell, li qabel kellu s-sigla ZB1DG li però ma baqax iħallasha minħabba ħafna mpenji oħra li kellu.** Sa dak iż-żmien kien hawn biss hu, Toni Cefai, 9H4A, u Joe Masini 9H4B (Alla jagħtih il-ġenna). Anton Farrugia beda l-klassijiet ta' fil-għaxija f'dan is-suġġett fl-Istitut Tekniku fl-1969 u għaddewlu mill-eżami 12 f'daqqa minn 13. Jien kont wieħed minnhom, u hawn twaqqfet l-għaqda tagħna. Jien intgħażilt bħala l-ewwel segretarju tagħha kif għadni sal-lum.

Aħna niltaqgħu kull raba' Ħadd tax-xahar fl-10.00 a.m. fil-HQ tal-*Victoria Scout Group* Triq Santa Dminka, Victoria. Kull Jannar ikollna l-Laqgħa Ġenerali ta' kull sena li fiha jsiru l-elezzjonijiet tal-Kumitat. Għaliha jkun mistieden il-pubbliku, xi attivitajiet li nagħmlu jinkludu li f'Ottubru ngħinu l-I*scouts* fil-*Jamboree on the Air*, f'Awwissu fil-*World Lighthouse Day* noperaw minn barra l-Fanal tal-Ġordan bl-għajnuna tal-*Malta Maritime Authority*, u f'Settembru ġie li nagħmlu xi *field day* mil-Bajja ta' Santa Marija, Kemmuna, bl-għajnuna tal-Pulizija ta' Kemmuna u tas-Suprantendent t'Għawdex, xi ikla fil-Milied jew xi okkażjoni oħra ma tonqosx.

**Għalkemm l-Internet u telefonija ċellulari naqqsu xi ftit mill-importanza tal-*Amateur Radio*, il-faxxinu li titkellem bir-*radio* ma' xi ħadd in-naħa l-oħra tad-dinja għadu hemm u d-dilettanti ma naqsux anzi żdiedu. Niftakar meta f'Mejju 1990 ġie jżurna l-Q.T. il-Papa u l-*mobile* kien għadu ma wasalx fostna, kienet l-għaqda tagħna flimkien ma' dik ta' Malta li għinna l-Pulizija fis-sigurtà ta' din iż-żjara.** Kellna dilettanti bil-*handhelds* tat-*2m* f'postijiet strateġiċi bħal Kattidral, is-Seminarju, Ta' Pinu, l-Imġarr, mal-*carcade* matul il-rotta kollha, u permezz tar-*repeater* li tpoġġa apposta mill-MARL fuq l-Isptar Craig, inżamm kuntatt kontinwu maċ-Centru taż-żjara fl-Istitut Kattoliku l-Floriana. Għad għandna ċ-ċertifikati ta' apprezzament ta' din l-attività.

Biex tikkomunika b'*handheld* fuq it-*2 metres fm* biżżejjed ikollok antenna żgħira xi 6 pulzieri msejħa *rubber duck*. Peress li dan ma jwassalx għall-bogħod ħafna, l-għaqda tagħna għandha *repeater* fuq id-Domus fil-Pjazza tax-Xagħra li jirċievi l-messaġġi fuq frekwenza, 145.125 MHz, u jerġgħa jibgħathom fuq frekwenza oħra, 145.625 MHz biex jiffaċilita l-komunikazzjoni. Dan ir-*repeater* jużawh anke l-Maltin u t-Taljani. Sintendi aħna nużaw ukoll dawk ta' Malta u ta' Sqallija. Imbagħad biex tikkomunika bl-ssb fuq ix-*short wave* jew *high frequency* jinħtieġ ikollok antenna mdaqqsa f'xi post għoli, ġeneralment fuq il-bejt. Din tista' tkun *ground plane*, jiġifieri vertikali, wieqfa, jew *dipole*, mimduda, jew *beam*, mimduda wkoll bħad-*dipole* però b'iktar minn element wieħed bħal tat-TV imma ħafna ikbar, jew *cubical quad*, kwadra b' żewġ jew tliet elementi. Jien kelli waħda minn dawn, pero kissirhieli r-riħ, u llum niddobba b'qasba tas-sajd vertikali b'*wire* magħha u tliet *radials* qishom ventijiet ħerġin min-naħa t'isfel tagħha. B'din l-antenna, transmitter ta' 50 Watt, u kundizzjonijiet tajbin, tista' titkellem mal-USA, l-Awstralja, il-Ġappun eċċ faċilment. Sintendi iktar ma jkun effiċjenti u direzzjonali l-*aerial*, iktar faċli li taqbad fejn trid. Ma tridx tinsa wkoll id-differenza fil-ħin tal-pajjiżi u li x-xemx teffettwa ħafna l-propagazzjoni, jiġifieri kemm ikunu tajbin jew ħżiena l-kundizzjonijiet.



*George Gauci, 9H4H, Dr Victor Mercieca, 9H4FK, u John Cassar, 9H4M, waqt kuntatt minn barra l-Fanal tal-Ġordan nhar Lighthouse Day*

Tieħu pjaċir meta tirċievi xi QSL card mhix komuni wara li tkun għamilt xi kuntatt rari. Fost l-eluf ta' kartolini li għandi ġol-kaxxi, hemm waħda ta' Tunku Abdul Rahman, prinċep u ex-Prim Ministru tal-Malaysia, oħra tar-Re tal-Ġordan Hussein I, illum mejjet, li kont kellimtu meta kien isuq l-ajruplan privat tiegħu hu stess u juża wkoll stazzjon tad-dilettanti (*aeronautical mobile*) fuq il-Greċja fi triqtu lejn l-Istati Uniti. Hemm imbagħad mijiet ta' oħrajn li wara s-sigla jkollhom is-suffiss */mm* aħna nsejħulhom *mickey mouse*, però tfisser *maritime mobile* għax ikunu fuq xi vapur fuq il-baħar. /m (mobile f'vettura), /p (portable ġo xi basket fuq id-dahar), u /a (minn indirizz alternattiv) ċertament ma jonqsux. Għandi wkoll almenu kartolina waħda minn kull wieħed mill-50 Stat tal-USA li jintitolawk għad-Diploma WAS (*worked all States*).

Minn Marconi sal-lum saru żviluppi kbar fl-industrija tar-radio kif ukoll fir-radio tad-dilettanti, u minn kaxxi kbar ħafna bil-*valves* tal-ħġieġ qishom fliexken illum *transceiver*, jiġifieri *transmitter* u *receiver* f'daqqa, huwa kemm kemm ikbar minn ktieb.

**Kieku kelli nibqa' sejjer ma nieqaf qatt. Naf li użajt ħafna kliem tekniku u bl-Ingliż u qbiżt minn ħaġa għall-oħra. Nispera li dan l-artiklu jagħti xi ħjiel kemm hu passatemp sabiħ u ta' sodisfazzjon l-*Amateur Radio*. Jekk xi ħadd iħoss xi ħajra għal dan il-passatemp favoluż, jista' iċempel 21551103 jew 79594528 u npoġġuh f'kuntatt mal-MARL f'Malta li jagħmlu korsijiet apposta ta' preparazzjoni.**